MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 245/2005

***Malta Industrial Parks Limited***

***Versus***

***Euro Steel Panel Malta Limited***

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi tinħall enfitewsi għax is-soċjetà konvenuta, bħala utilista, ma ħallsitx iċ-ċens.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà konvenuta naqset milli tħares il-patt numru tmintax (18) fil-kuntratt ta’ enfitewsi li bih intrabtet li tħallas ċens ta’ ħamest elef, mitejn u tlieta u sebgħin lira (Lm5,273) fis-sena. Għaż-żmien bejn l-10 ta’ Diċembru 2000 u l-31 ta’ Marzu 2005, is-soċjetà konvenuta għandha tagħti, bħala ċens, erbgħa u għoxrin elf u għoxrin lira u sitt ċenteżmi (Lm24,020.60).
Is-soċjetà attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

1. tħoll l-enfitewsi mogħtija b'kuntratt tas-26 ta' Lulju 1994 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli bis-saħħa tal-patt numru tmintax (18) fl-istess kuntratt;
2. tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha tħallas, bħala arretrati ta' ċens, is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf u għoxrin lira u sitt ċenteżmi (Lm24,020.06) għaż-żmien bejn l-10 ta' Diċembru 2000 u l-31 ta' Marzu 2005;
3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta trodd lis-soċjetà attriċi, bħala padrun dirett, il-pussess ta' biċċa art fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far tal-kejl superfiċjali ta' *circa* għaxart elef, ħames mija u ħamsa u erbgħin metru kwadru (10,545 m$^2$); u
4. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-arretrati ta' ċens ta' erbgħa u għoxrin elf u għoxrin lira u sitt ċenteżmi (Lm24,020.06).

Talbet ukoll l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet.

Is-soċjetà konvenuta, għalkemm notifikata bl-atti tal-kawża u bl-avviż tas-smigħ, ma ressqitx eċċezzjonijiet, ma dehritx għas-smigħ tal-kawża, u lanqas għamlet sottomissjonijiet dwar il-każ wara li ngħatat fakoltà tagħmel hekk kif irid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'sentenza mogħtija fit-12 t'Ottubru 2007 il-qorti ipprovdiet dwar it-talbiet ta' l-attriċi billi:

1. laqgħet it-tieni talba u qalet illi s-soċjetà konvenuta għandha tagħti lis-soċjetà attriċi, bħala ċens, erbgħa u għoxrin elf u għoxrin lira u sitt ċenteżmi (Lm24,020.06) għaż-żmien bejn l-10 ta' Diċembru 2000 u l-31 ta' Marzu 2005;
2. laqgħet ir-raba' talba u ikkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas erbgħa u għoxrin elf u għoxrin lira u sitt ċenteżmi (Lm24,020.06) lill-attriċi, flimkien ma' l-imgħaxijiet relativi minn dakinhar li saritilha sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju;
3. dwar l-ewwel u t-tielet talbiet, għal dak li jgħid u jrid l-art. 1519(2) tal-Kodiċi Ċivili, tat lis-soċjetà konvenuta żmien ta' xahrejn minn dakinhar biex tħallas l-arretrati ta' ċens; u
4. iddifferiet il-kawża għat-18 ta' Jannar 2008 fid-9.00 *a.m.* sabiex dakinhar tinġieb prova tal-ħlas taċ-ċens u jingħata provvediment finali dwar l-ewwel u t-tielet talbiet.

Fit-18 ta' Jannar 2008 ma nġiebet ebda prova li tħallas iċ-ċens u, anzi, l-avukat ta' l-attriċi għarrfet lill-qorti illi l-ħlas ma kienx sar.

Il-qorti għalhekk tipprovdi dwar l-ewwel u t-tielet talbiet billi:

1. tilqa' l-ewwel talba u tħoll b'seħħ minnufih, bis-saħħa tas-sentenza, l-enfitewsi mogħtija b'kuntratt tas-26 ta' Lulju 1994 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli; u
2. tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta trodd lis-soċjetà attriċi, bħala padrun dirett, il-pussess ta' biċċa art fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far tal-kejl superfiċjali ta' *circa* għaxart elef, ħames mija u ħamsa u erbgħin metru kwadru (10,545 $m^2$).

Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------